MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2001

Avviz Numru. 1127/2000/1

**Avviz Nru:- 1127/00**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Sheban Farag u Ali Patricia konjugi Abdel Ghan**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u erbghin lira maltin u erba' u erbghin centezmu, (Lm342.44) minnhom dovuti lilha in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 241036 (C/n 1001715), liema servizz gie nstallat fil-fond 35, Triq Clarence, Msida, fuq rikjesta taghhom u dan kif jirrizulta mis-'service agreement', anness u mmarkat Dokument "A".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu 1999 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-23 ta' Awissu 1999 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet ukoll lil P.L. Noel Scerri bil-gurament, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u;

Ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici, is-somma mitluba ta' tlett mija u tnejn u erbghin lira maltin u erba' u erbghin centezmu, (Lm342.44) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-23 ta' Awissu 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------